MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1097/2008

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Jesmond Gillard**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenut irodd erbatax-il elf, seba' mija u sebgħa u għoxrin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€14,727.88) bilanċ ta' self magħmul lilu u mgħaxijiet relativi, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tal-21 ta' Marzu 2007 u ta' mandat ta' sekwestru, u l-imgħaxijiet mis-16 ta' Ottubru 2008 sa meta jsir il-ħlas.
2. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressaqx eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża, u, għalkemm ingħata fakoltà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid

l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma nqediex b’din il-fakoltà.

3. Mix-xiehda mressqa mill-attriċi jidher illi tassew illi l-konvenut għandu jagħti daqskemm mitlub fir-rikors maħluf, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih.

4. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi, tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex l-attriċi tista’ minnufih titlob il-ħlas tad-dejn u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi erbatax-il elf, seba’ mija u sebgħa u għoxrin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€14,727.88), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------